MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru. 178/2007

**Il-Pulizija
Spettur Stephen J. Gatt**

**vs**

**Marcellino Ellul**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Marcellino Ellul ta’ 44 sena, iben Joseph u Anne Azzopardi, imwieled Gzira fit-22 ta’ Marzu 1962, residenti il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 203962(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-8 ta’ Lulju 2004 gewwa Triq ix-Xatt, Pieta’ waqt li kien qed isuq vettura Volvo TUR800 :

a) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’

regolamenti, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta’ Albert Charles Zammit, liema offizi gabu l-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ offizi gravi li ikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabu difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh kif ukoll sfregju gravi jew permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ Albert Charles Zammit.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Frar 2007 (esebit a fol. 30 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta’ Lulju 2004, ghall-habta tas-1.30pm, f’Marina Seafront, Tal-Pieta’ fejn Albert Charles Zammit ta’ 51 sena intlaqat minn vettura tal-marka Volvo bin-numru tar-registrazzjoni TUR 800 liema vettura kienet dak il-hin misjuqa mill-imputat Marcellino Ellul. Mill-provi rrizulta li Albert Charles Zammit sofra griehi ta’ natura gravi u qed isofri minn debilta’ permanenti bhala konsegwenza ta’ dan l-incident.

Albert Chalres Zammit li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2007 qal li fil-gurnata tal-incident huwa kien hareg mill-ufficju tieghu li jinsab fi Sky Apartments, Marina Street, Pieta’ mar sabiex jaqsam minn fuq il-pedestrian lights u ghafas il-buttuna u meta l-lights gew fuq l-ahdar huwa qasam. Huwa jghid li qasam

l-ewwel parti tat-triq u meta kien qed jaqsam it-tieni parti tat-triq gie mtajjar. Huwa qal li ma jiftakar xejn aktar dwar l-incident. Huwa spjega li sofra griehi konsistenti fi ksur f'dirghajh u f'riglejh kif ukoll fl-eardrum u saritlu operazzjoni fejn nehhewlu l-milsa. Albert Zammit qal li ghadu sal-llum il-gurnata ma jistghax itella subghajgh ta' idu x-xellugija dritt u qal ukoll li sofra telf ta' smiegh. In kontro-ezami huwa baqa' jsostni li kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian lights meta dawn kienu fuq l-ahdar fil-hin li sehh l-incident u cahad li huwa dak iz-zmien kellu xi problema ta' xorb. Meta xehed quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali (xhieda inserita a fol. 48 u 49 tal-Process Verbal inserit ta fol. 11 tal-atti processwali) Zammit qal li dakinhar tal-incident huwa kellu d-driver qed jistennih fuq il-Bus Stop li hemm faccata tas-slipway u qal li huwa hareg mill-ufficcju u mar sabiex jaqsam minn fuq il-lights u xeghel id-dawl u qal li ma jiftakar xejn aktar.

L-imputat li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 90 sa 95 tal-process) qal li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fl-outer lane gej mid-direzzjoni tal-Imsida u sejjer lejn il-Belt. Huwa qal li t-traffiku kien miexi b'mod regolari u spjega li kien hemm vetturi kemm warajh kif ukoll quddiemu u fuq il-lane ta' gewwa. Huwa qal li meta wasal f'dik il-parti tat-triq fejn hemm in-nicca tad-Duluri ra ragel qed jigri fit-traffiku li kien qed jipprocedi fid-direzzjoni opposta u cioe fil-kareggjata tal-vetturi sejrin lejn l-Imsida. Huwa ra lil dan ir-ragel jaqbez il-crash barrier li hemm f'nofs it-triq u mbaghad dan ir-ragel gie bejn il-vettura tieghu u dik ta' quddiemu u baqa' jigri sabiex jaqsam it-triq meta f'daqqa wahda kif appena kien rifes l-inner lane dan ir-ragel rega' lura, gie fuq il-vettura tal-imputat, precizament fuq il-bonnet, kisser il-fanal ta' quddiem tan-naha tax-xellug, laqat il-windscreen bil-minkeb u mbaghad tgerbeb mal-art. L-imputat sostna li t-traffic lights kien diga' qabizhom sew meta sehh l-incident u qal li m'huwiex minnu dak li qed isostni Zammit li huwa kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian lights meta ntlaqat. L-imputat isostni li t-traffic lights ma kellhom x'jaqsmu xejn mad-dinamika tal-incident. L-imputat ta' l-istess verzjoni tal-fatti a tempo vergine kemm meta tkellem mal-Pulizija kif ukoll meta

xehed quddiem l-espert Richard Aquilina li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti  fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab inserita a fol. 11 tal-process. L-imputat qal ukoll li wara li ntlaqat Zammit huwa tefa' mal-gemb tat-triq u nizel sabiex jara xi gralu r-ragel milqut u qal li halla l-vettura f'dak il-post sakemm gew il-Pulizija. Huwa qal ukoll li l-lights kienu ilhom hodor minn meta qabad il-medda tad-dritta.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-esperti teknici mahtura fl-Inkjesta Magisterjali l-u cioe' il-Perit Richard Aquilina u Joseph Zammit kif ukoll mir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officer PS 602 Jonathan Attard jirrizulta li l-vettura tal-imputat kellha hsara frontali fuq in-naha tax-xellug liema hsara kienet tikkonsisti f'taghtina u tkissir ta' headlamp tal-istess naha, taghtina fuq il-bonnet sa hdejn il-windscreen u windscreen miksur lejn in-naha tax-xellug u indicator unit tax-xellug spustjata izda mhux miksura. Mill-imsemmija rapport jirrizulta wkoll li l-vettura tal-imputat instabet madwar mitt metru l-boghod mill-pedestrian crossing u madwar erba' metri lura f'nofs il-karreggjata kien hemm par zarbun u fuq in-naha tax-xellug kien hemm tixrid ta' kulur ahmar bhal demm. Aktar il-quddiem minn fejn kien jinsab iz-zarbun, lura madwar sitt metri f'nofs il-karreggjata, kien hemm hgieg imkisser tal-headlamp tan-nah tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi kif jirrizulta mill-paragrafi precedenti din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar kif sehh l-incident de quo. Il-parti civili Albert Zammit qed isostni li huwa intlaqat waqt li kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian crossing waqt li l-lights kienu fuq l-ahdar fil-konfronti tieghu filwaqt li l-imputat min-naha l-ohra isostni li l-incident sehh ben lil hinn mit-traffic lights  fejn Zammit qasam it-triq minn qalb it-traffiku, qabez il-crash barrier, resaq lura minn fuq l-inner lane ghal fuq l-outer lane u gie fuq il-vettura tieghu. Xhieda okulari tal-incident ma gewx

prodotti la mill-Prosekuzzjoni u l-anqas mid-Difiza izda l-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil Lydia Felice, il-partner ta' Albert Zammit li xehdet fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2007 fejn din qalet li kienet marret fuq il-post tal-incident xi sighat wara li dan sehh u rat tracci ta' demm mal-art u forma ta' bniedem li kienu fuq in-naha tax-xellug tat-triq jekk wiehed ikun sejjer lejn il-Belt u dawn kienu ftit metri 'l boghod mill-pedestrian crossing. Id-Difiza min-naha l-ohra produciet bhala xhud lil Dr. Emanuel Mallia li xehed fl-udjenza tal-15 ta' April 2010 fejn dan spjega li nzerta kien ghaddej minn fuq il-post tal-incident u waqaf ghaliex ra lill-imputat li kien habib tieghu wieqaf hdejn il-vettura tieghu. Dr. Mallia spjega li kien hemm xi hgieg mal-art vicin il-barrier tal-hadid li hemm f'nofs it-triq kif ukoll zarbun jew tnejn mal-art vicin dan il-hgieg. Huwa qal ukoll li dan il-hgieg kien hafna aktar vicin il-bus stop li hemm man-naha tal-bahar milli lejn iz-zebra crossing. Huwa anzi qal li kien hemm distanza notevoli bejn iz-zebra crossing u l-post fejn ra l-hgieg imkisser tal-fanal.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-provi cirkostanzjali kollha jikkoroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat dwar kif sehh l-incident. Il-post fejn instab il-hgieg miksur u fejn instab iz-zarbun tal-parti civili jindikaw li l-impatt bejn Zammit u l-vettura misjuqa mill-imputat sehh madwar 90 metru 'l boghod mit-traffic lights. Dan jindika li ma jistax ikun li Zammit kien qed jaqsam minn fuq il-pedestrian lights izda hija indikazzjoni cara li fil-fatt huwa kien qed jaqsam minn fejn hemm il-crash barrier f'nofs it-triq kif qed isostni l-imputat. Irid jigi rilevat li meta xehed quddiem il-Perit Richard Aquilina, Zammit qal li kien hemm id-driver qed jistennih bil-vann quddiem il-bus shelter li hemm man-naha tal-bahar. Jekk wiehed jezamina l-iskizz imhejji mill-Perit Richard Aquilina jara li l-bus shelter huwa aktar vicin fejn hemm it-tifrik milli huma l-pedestrian crossing. Il-hsara fil-vettura tal-imputat hija inoltre perfettament kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-istess imputat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li ma kien

hemm ebda nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jew traskuragni da parti tieghu. Il-Qorti jidrilha wkoll li mill-provi rrizulta li l-incident de quo sehh unikament minhabba traskuragni da parti ta' Albert Zammit li ttenta jaqsam triq daqshekk traffikuza b'mod daqshekk inkonswet u cioe' billi jaqbez crash barrier f'nofs it-triq u jigri ghan-naha l-ohra u dan meta ftit metri 'l boghod kien hemm pedestrian crossing li huwa seta' juza minghajr ma jipperikola hajtu u minghajr ma johloq ostakolu ghat-traffiku li kien qed jipprocedi regolarment fit-triq. Il-Qorti tixtieq tirrileva li s-Supretendent Stephen Gatt li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2007 qal li meta kellem lil Zammit dan qallu li kien qed jaqsam minn hdejn it-traffic lights u meta huwa staqsih jekk kienx qabez il-hadid li hemm fis-central strip Zammit ghazel li ma jirrispondix. Il-Qorti tirrileva ulterjorment li l-fatt li ma nstabu ebda brake marks tal-vettura tal-imputat ikompli jikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-istess imputat li Zammit waqa lura ghal fuq il-vettura tieghu.

Il-Qorti jidrilha li l-incident de quo sehh unikament tort tat-traskuragni tal-pedestrian u ma rriskontrat ebda nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-imputat u jidrilha li dan tal-ahhar ma seta' jaghmel xejn sabiex jevita li jsehh l-incident.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------